Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,409, 21 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 208 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar Iż-Żieda fin-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar iż-Żieda fin-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar iż-Żieda fin-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

L.S. 465. 41.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-22 ta' Mejju, 2020.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-ordni prinċipali, il-kliem "għal erba' (4) persuni." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għal sitt (6) persuni.".